MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-12 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1107/1997/1

**Mario Gatt u martu Anna Gatt**

***Versus***

**Joseph Cassar f'ismu personalment u in rappreżentanza tas-soċjetà *Joseph Cassar Commercial Plants and Sales Limited***

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni talli l-attur kien korra fil-post fejn is-soċjetà konvenuta tmexxi n-negozju tagħha. B'sentenza mogħtija fil-25 ta' Jannar 2002, fejn huma miġjuba t-talbiet ta' l-atturi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, il-qorti kienet sabet illi ż-żewġ konvenuti flimkien għandhom iwieġbu għall-inċident li fih weġġa' l-attur u flimkien għandhom jagħmlu tajjeb għad-danni. Din is-sentenza tallum hija dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

L-attur kien korra fit-8 t'Ottubru ta' l-1992 u minħabba f'hekk dam wieqaf mix-xogħol għal sitt xhur. Il-qligħ tiegħu fl-ewwel disa' xhur ta' dik is-sena, qabel ma kellu jieqaf, kien ta' elf, tmien mija u sebgħin lira (Lm1,870),

medja ta' mitejn u seba' liri (Lm207) fix-xahar. Fl-1991 il-qligħ kien ta' elfejn, erba' mija u għoxrin lira (Lm2,420), medja ta' mitejn u għaxar liri (Lm210) fix-xahar. Għalhekk hija raġonevioli l-pretensjoni ta' l-atturi, magħmula fin-nota tagħhom tal-15 ta' Marzu 2004[1], illi t-telf ta' qligħ fis-sitt xhur illi l-attur dam wieqaf mix-xogħol huwa ta' elf u mitejn lira (Lm1,200).

Ma' din il-pretensjoni jaqblu wkoll il-konvenuti fin-nota tagħhom tas-6 t'Awissu 2004[2], ħlief illi l-konvenuti qegħdin igħidu illi għandu jsir tnaqqis tal-benefiċċju mogħti lill-attur mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. Dan il-benefiċċju, iżda, kien ħallas għalih minn qabel l-attur permezz tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u għalhekk ma huwiex xieraq illi jgawdu minnu l-konvenuti. Għalhekk ma għandu jsir ebda tnaqqis.

Mela l-*lucrum cessans* għas-sitt xhur illi l-attur dam wieqaf mix-xogħol huwa likwidat fis-somma ta' elf u mitejn lira (Lm1,200).

Għall-għanijiet ta' *lucrum cessans* fil-ġejjieni minħabba d-debilità permanenti li ġarrab l-attur, il-qorti, wara li qieset illi, meta korra, l-attur kellu wieħed u erbgħin (41) sena, u qieset ukoll illi l-attur jaħdem għal rasu u mhux impjegat, hija tal-fehma illi *multiplier* ta' għoxrin (20) sena huwa wieħed xieraq.

Rajna illi meta korra l-attur kellu qligħ ta' madwar elfejn u erba' mitt lira (Lm2,400) fis-sena. Wara li qieset it-tul tal-*multiplier* il-qorti hija tal-fehma illi jkun xieraq illi taħdem fuq qligħ ta' tlitt elef u sitt mitt lira (Lm3,600) fis-sena, u għalhekk il-qligħ fuq għoxrin (20) sena jiġi tnejn u sebgħin elf lira (Lm72,000).

L-espert mediku maħtur mill-qorti sab illi l-attur għandu debilità permanenti ta' tlieta fil-mija (3%) u għalhekk il-*lucrum cessans* fil-ġejjieni jkun ta' elfejn, mija u sittin lira (Lm2,160). Billi l-inċident seħħ fl-1992, u l-attur sejjer jitħallas wara li għadda aktar minn nofs it-tul tal-*multiplier*, ma hux il-każ illi jsir tnaqqis għax il-benefiċċju illi sejjer jieħu talli jieħu bil-quddiem dħul tal-ġejjieni huwa paċjut mal-fatt illi d-dħul ta' tnax-il sena sejjer jieħdu b'lura, mhux bil-quddiem, b'dan illi l-imgħaxijiet jibdew igħaddu millum.

---

1 *Fol*. 115 *et seq*.
2 *Fol*. 120 *et seqq*.

Il-qorti għalhekk tillikwida l-*lucrum cessans* fis-somma ta' elfejn, mija u sittin lira (Lm2,160) li, miżjuda ma' l-elf u mitejn lira (Lm1,200) mitlufa fl-ewwel sitt xhur wara l-inċident, jiġu b'kollox tlitt elef, tliet mija u sittin lira (Lm3,360).

Bħala *damnum emergens* l-atturi qegħdin jippretendu mitt lira (Lm100) bħala spejjeż mediċi, u dawn ma humiex kontestati mill-konvenuti. Għalhekk id-danni b'kollox jiġu tlitt elef, erba' mija u sittin lira (Lm3,460).

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti wara li tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi fis-somma ta' tlitt elef, erba' mija u sittin lira (Lm3,460) tikkundanna lill-konvenuti flimkien *in solidum* iħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien ma' l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------